

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 24



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 63

30 ta' Jannar 2020

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/125 tad-29 ta' Jannar 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 945/2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' indiċi diversifikati b'mod xieraq rilevanti skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/126 tad-29 ta' Jannar 2020 li jistabbilixxi l-ammont massimu ta' għajnuna għall-ħżin privat taż-żejt taż-żebbuġa fi ħdan il-proċedura ta' sejħa għall-offerti miftuħa bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1882** 5

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/125

tad-29 ta' Jannar 2020

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 945/2014 li jstabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' indiċi diversifikati b'mod xieraq rilevanti skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ⁽¹⁾ u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 344(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex jiġi żgurat li l-indiċi tal-borża elenkati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 945/2014 ⁽²⁾ ikomplu jissodisfaw il-kundizzjonijiet fejn ir-riskju speċifiku tagħhom jista' jiġi injorat, l-indiċi rilevanti ġew ievalutati mill-ġdid fid-dawl tal-aħħar *data* disponibbli, li hija dik tas-sena 2018. Fid-dawl ta' din ir-rivalutazzjoni, huwa meħtieġ li tiġi aġġornata l-lista tal-indiċi rilevanti diversifikati b'mod xieraq.
- (2) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentat mill-Awtorità Bankarja Ewropea lill-Kummissjoni.
- (3) L-emendi neċessarji fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 945/2014 ma jirriżultawx b'ħala l-eżitu ta' bidliet sinifikanti fil-metodoloġija tal-valutazzjoni applikata. L-awtorità Bankarja Ewropea ma wettqitx konsultazzjoni pubblika miftuħa jew analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji meta jitqies li tali konsultazzjoni jew analiżi tkun sproporzjonata fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u tal-impatt tal-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni kkonċernati.
- (4) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 945/2014 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 945/2014 huwa sostitwit mit-test mogħti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

⁽¹⁾ ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 945/2014 tal-4 ta' Settembru 2014 li jstabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' indiċi diversifikati b'mod xieraq rilevanti skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 265, 5.9.2014, p. 3).

ANNEX

"ANNEX

L-indiċi tal-borża li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 344 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

Indiċi	Pajjiż/Żona
1. STOXX Asia/Pacific 600	L-Asja/Il-Paċifiku
2. ASX100	L-Awstralja
3. ASX200	L-Awstralja
4. S&P All Ords	L-Awstralja
5. ATX	L-Awstrija
6. ATX Prime	L-Awstrija
7. BEL20	Il-Belġju
8. SaoPaulo - Bovespa	Il-Brażil
9. TSX60	Il-Kanada
10. CETOP20 Index	L-Ewropa Ċentrali
11. CSI 100 Index	Iċ-Ċina
12. CSI 300 Index	Iċ-Ċina
13. FTSE China A50 Index	Iċ-Ċina
14. Hang Seng Mainland 100 China	Iċ-Ċina
15. PX Global Prague	Ir-Repubblika Ċeka
16. OMX Copenhagen 20 CAP	Id-Danimarka
17. OMX Copenhagen 25	Id-Danimarka
18. OMX Copenhagen Benchmark	Id-Danimarka
19. FTSE RAFI Developed 1000	Swieq Żviluppati
20. CECE Composite Index EUR	L-Ewropa tal-Lvant
21. FTSE RAFI Emerging Markets	Swieq Emerġenti
22. MSCI Emerging Markets 50	Swieq Emerġenti
23. Bloomberg European 500	L-Ewropa
24. DJ Euro STOXX 50	L-Ewropa
25. FTSE Euro 100	L-Ewropa
26. FTSE Eurofirst 100	L-Ewropa
27. FTSE Eurofirst 300	L-Ewropa
28. FTSE Eurofirst 80	L-Ewropa
29. FTSE EuroMid	L-Ewropa
30. FTSE Eurotop 100	L-Ewropa
31. MSCI Euro	L-Ewropa
32. MSCI Europe	L-Ewropa
33. MSCI Pan-Euro	L-Ewropa
34. NTX New Europe Blue Chip	L-Ewropa
35. S&P Euro	L-Ewropa

Indiċi	Pajjiż/Żona
36. S&P Europe 350	L-Ewropa
37. STOXX All Europe 100	L-Ewropa
38. STOXX All Europe 800	L-Ewropa
39. STOXX Europe 50	L-Ewropa
40. STOXX Europe 600	L-Ewropa
41. STOXX Europe 600 Equal Weight	L-Ewropa
42. STOXX Europe Enlarged TMI	L-Ewropa
43. STOXX Europe Lrg 200	L-Ewropa
44. STOXX Europe Mid 200	L-Ewropa
45. STOXX Europe Small 200	L-Ewropa
46. STOXX Select Dividend 30	L-Ewropa
47. OMXH25	Il-Finlandja
48. CAC40	Franza
49. SBF 120	Franza
50. DAX	Il-Ġermanja
51. HDAX	Il-Ġermanja
52. MDAX	Il-Ġermanja
53. SDAX	Il-Ġermanja
54. FTSE RAFI All World	Globali
55. MSCI World Index	Globali
56. Athens General	Il-Greċja
57. FT ASE Large Cap	Il-Greċja
58. Hang Seng	Hong Kong
59. Hang Seng China Enterprises	Hong Kong
60. NIFTY 50	L-Indja
61. ISEQ 20	L-Irlanda
62. FTSE MIB	L-Italja
63. Nikkei225	Il-Ġappun
64. Nikkei300	Il-Ġappun
65. TOPIX 400	Il-Ġappun
66. TOPIX Core 30	Il-Ġappun
67. S&P Latin America 40	L-Amerka Latina
68. FTSE Bursa Malaysia KLCI	Il-Malasja
69. FTSE Bursa Malaysia Top100	Il-Malasja
70. MSE Share Index	Malta
71. INMEX Index	Il-Messiku
72. IPC Index	Il-Messiku
73. AMX	In-Netherlands

Indiċi	Pajjiż/Żona
74. AEX	In-Netherlands
75. NZSE50	New Zealand
76. OBX	In-Norveġja
77. OBXP	In-Norveġja
78. mWIG40	Il-Polonja
79. WIG20	Il-Polonja
80. MOEX	Ir-Russja
81. MSCI Russia Index	Ir-Russja
82. MSCI Singapore Free Index	Singapore
83. Straits Times Index	Singapore
84. FTSE JSE Top 40	L-Afrika t'Isfel
85. IBEX35	Spanja
86. OMX Stockholm 30	L-Iżvezja
87. SMI	L-Iżvizzera
88. SMI MID	L-Iżvizzera
89. FTSE NASDAQ Dubai 20	L-Emirati Għarab Magħquda
90. FTSE 100	Ir-Renju Unit
91. FTSE AIM 100	Ir-Renju Unit
92. FTSE AIM UK 50	Ir-Renju Unit
93. FTSE Fledgling	Ir-Renju Unit
94. FTSE mid-250	Ir-Renju Unit
95. FTSE Small Cap	Ir-Renju Unit
96. Dow Jones Ind. Av.	L-Istati Uniti tal-Amerka
97. NASDAQ 100	L-Istati Uniti tal-Amerka
98. S&P 500	L-Istati Uniti tal-Amerka"

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/126**tad-29 ta' Jannar 2020****li jistabbilixxi l-ammont massimu ta' għajjnuna għall-ħżin privat taż-żejt taż-żebbuġa fi ħdan il-proċedura ta' sejħa għall-offerti miftuħa bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1882**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajjnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli ⁽¹⁾, u b'mod partikolari punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 18(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1882 ⁽³⁾ fetaħ proċedura ta' sejħa għall-offerti għall-ħżin privat taż-żejt taż-żebbuġa.
- (2) Abbażi tal-offerti li waslu matul il-perjodu ta' sottomissjoni għas-subperjodu li jintemm fis-27 ta' Jannar 2020, il-kwantità kumplessiva massima li trid tiġi maħżuna, il-kostijiet stmati tal-ħżin u informazzjoni oħra rilevanti dwar is-suq, huwa xieraq li jiġi ffixsat l-ammont massimu ta' għajjnuna għall-ħżin ta' 150 521,66 tunnellata ta' żejt taż-żebbuġa għal perjodu ta' 180 jum sabiex tittaffa s-sitwazzjoni diffiċli tas-suq.
- (3) Sabiex tiġi ggarantita l-ġestjoni effikaċi tal-miżura, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (4) Il-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli ma tax opinjoni fil-limitu taż-żmien stipulat mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Għall-offerti sottomessi fi ħdan il-proċedura tas-sejħa għall-offerti miftuħa bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1882 matul is-subperjodu li jintemm fis-27 ta' Jannar 2020, l-ammont massimu ta' għajjnuna għall-ħżin privat taż-żejt taż-żebbuġa għandu jkun:

- (a) EUR 0,88 għal kull tunnellata kull jum ta' żejt taż-żebbuġ extra verġni;
- (b) EUR 0,88 għal kull tunnellata kull jum ta' żejt taż-żebbuġ verġni;
- (c) EUR 0,88 għal kull tunnellata kull jum ta' żejt taż-żebbuġ lampante.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 346, 20.12.2013, p. 12.

⁽²⁾ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1882 tat-8 ta' Novembru 2019 (ĠU L 290, 11.11.2019, p. 12).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Jannar 2020.

Għall-Kummissjoni
Fisem il-President,
María Ángeles BENÍTEZ SALAS
Aġent Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali tal-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

ISSN 1977-0936 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-2431 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

